**347. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## KIRI TA' FOND NRU. 112, TRIQ IL-PUNENT FIL-BELT,VALLETTA, LILL-CODEV

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lill-CODEV il-fond Nru. 112 f'Triq il-Punent, fil-Belt Valletta, deskritt aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz:

U billi huwa maħsub fil-Paragrafu (c) tas-Sub-artikolu (1) tal-Artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-fond Nru. 112, Triq il-Punent, Valletta jiġi mogħti lill-CODEV għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-Abbozz imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

24.07.1981